# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 23**

**Avviz numru 1767/99/SM**

**Patrick Mc Gahern**

**vs**

**Grace u Lawrence Clements**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-2 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

1. **Biex fi zmien qasir u perentorju jirritornaw l-oggetti kollha li jappartjenu lill-attur u li qeghdin jiddetjenu minghajr raguni valida fil-ligi;**

2. **Bl-ispejjes u bl-imghax, il-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni. Il-valur tal-oggetti ma jissuperawx sitt mitt lira Maltin;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-4 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:**

1. **Illi l-kawza ntavolata quddiem din l-Onorabbli Qorti hija wahda tempestiva u risultanti ta' pika da parti tal-attur – r-ragel ta' bint il-konvenuti li ilha mejta ghal ftit aktar minn sentejn – li nonostante ikontru bonarju kmieni s-sena l-ohra fl-ufficju tal-avukat tieghu, nonostante l-accettazzjoni da parti tal-konvenuti ghal darba, darbtejn bil-miktub sabiex il-konvenut ikun jista' jiehu lura l-affarijiet ezistenti f'garaxx – mhux propjeta' tal-konvenuti – u mizmumin bi pjacir mill-konvenuti, l-attur xorta wahda pproceda kontriehom;**

2. **Illi l-agir tal-attur fil-konfront tal-konvenuti nbidel f'wiehed aggressiv minn meta l-konvenuti, koppja anzjana ta' aktar minn sebghin (70) sena, ma komplewx jiehdu hsieb it-tifel minuri ta' sitt (6) snin, iben l-attur u allura n-neputi taghhom ukoll, minhabba li sahhithom ma ppermettitx tali nkarigu u kontra qalbhom kellhom jirrinunzjaw li jkomplu jiehud hsieb l-imsemmi tifel minuri u ghaldaqstant, il-kawza hija wkoll vessatorja fil-konfront tal-konvenuti;**

3. **Illi wkoll in linea tas-suespost, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2000, meta mistoqsi minn din l-Onorabbli Qorti jekk kienx hemm il-possibilita' li jintrangaw amikevolment, l-attur b'mod car iddikjara in awla stante, li huwa kien biss interessat jixtri l-garaxx fejn qed jinzammu l-affarijiet tieghu, liema dikjarazzjoni m'ghandiex x'taqsam mal-mertu tal-kawza odjerna, u ghaldaqstant, tikkonferma l-vessatorjeta' tal-attur fil-konfront tal-konvenuti;**

4. **Illi wkoll in linea tas-suespost, altru li l-kawza hija wahda vessatorja, meta wiehed iqis in-natura tal-affarijiet mizmumin bi pjacir tal-konvenuti, kif jixhdu l-itratti annessi ma' din in-nota';**

**5. Illi in vista tas-suespost, l-attur ghandu jghamel tajjeb ghall-ispejjez kollha relattati mal-kawza odjerna;**

**6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Rat it-talba rikonvenzjonali ta' l-istess konvenuti wkoll datata ta' l-4 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha sejhu lill-attur quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ordnat:**

**1. Sabiex fi zmien qasir u perentorju jirritorna l-affarijiet kollha li jappartjenu lilhom u li qed jiddetjeni minghajr raguni valida fil-ligi;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa ngunt in subizzjoni;**

**Rat l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut datata z-17 ta' Frar tas-sena 2000 li permezz taghha eccepixxa s-sgewenti:**

**1. Illi t-talbiet tal-konvenuti ri-konvenuti huma nfondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt peress illi l-attur rikonvenut ma ghandu ebda oggetti tal-konvenuti ri-konvenuti fil-pussess;**

**2 Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kien mizzewweg lill-bint il-konvenuti;**

**2. Illi mart l-attur illum tinsab f'hajja ahjar u l-meritu tal-kawza odjerna jirrigwarda xi oggetti materjali**

**li kienu jappartjenu lil dawn it-tlett partijiet senjatament, lill-attur, lill-konvenuti u lid-defunta;**

**3. Illi l-attur u l-konvenuti kienu lahqu ftehim fuq il-parti l-kbira ta' l-oggetti involuti, u dan kif jidher mill-verbal ta' l-4 ta' Mejju tas-ena 2001 senjatament:**

**a. Illi l-konvenuti ntrabtu li jghaddu lill-attur is-segwenti:**

**i. "lucky charm" ta' valur sentimentali;**

**ii. arlogg tal-but ta' missier l-attur;**

**iii. cavetta ta' kamra interna;**

**b. Illi l-attur intrabt li jghaddi lill-konvenuti s-segwenti:**

**i. LM40.00,0;**

**ii. Tapit gia' identifikat mill-partijiet;**

**iii. Pala gia' fil-pussess ta' l-attur;**

**iv. LM20.00,0 rapprezentanti l-valur ta' sellum u gharbiel;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-ahhar oggett li ghadu in kontenzjuz bejn il-partijiet hu par imsielet ta' valur sentimentali;**

**Illi dawn kienu proprjeta' tad-defunta mart l-attur, prezentament jinsabu f'idejn il-konvenuti u qed jigu reklamati mill-konvenuti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghandu jinghad li la ma gieipprezentat l-ebda testment dawn l-imsielet huma proprjeta’ ta’ l-eredi tad-defunta proprjetarja taghhom, senjatament l-attur;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talba tal-konvenuti biex jirritjenu l-pussess ta’ l-imsemmija imsielet, tordna li dawn jigu mghoddija lill-attur fi zmien hmistax (15) millum u mill-bqija tordna li l-oggetti jinqasmu bil-mod kif il-partijiet gia’ qabblu li ghandhom jinqasmu fil-verbal fuq indikat, u in vista tal-premess, tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**